II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

**Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros**

Fis-16 ta' Mejju 2011, l-Unjoni Ewropea nnotifikat lill-Unjoni tal-Komoros li l-Kunsill kien lesta, f'isem l-Unjoni Ewropea, il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ta' hawn fuq, iffirmat fi Brussell fil-31 ta' Diċembru 2010.

Hekk ukoll, fl-4 ta' Novembru 2011 l-Unjoni tal-Komoros innotifikat lill-Unjoni Ewropea li kienet lestiet il-proċeduri ta' konklużjoni tagħha.

Għaldaqstant il-Protokoll daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2011 skont l-Artikolu 14 tiegħu.